**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tat-Tlieta u Erbgħin (43) Laqgħa tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret nhar il-Erbgħa 12 ta' Ottubru, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-istess Kunsill Lokali fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 7.00 p.m. | 8.15 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 7.00 p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | Imsiefer | |
| Kunsillier Ray Tabone | 7.00 p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | Skużat | |
| Kunsillier Jason Camilleri | 7.00 p.m. | 8.00 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 7.00 p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 7.10 p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | Skużat | |
| Kunsillier Ray Bartolo | 7.00 p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 7.00 p.m. | 8.15 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tat-Tnejn u Erbgħin Laqgħa (42) tal-Kunsill**

Il-Minuti ġew approvati wara li saret korrezzjoni u nqatgħu l-kliem **'b'mod volontarju'** minn item 14.03.01

**2.00 Punti Mqajma mill-Minuti tal-Laqgħa (42) tal-1 ta' Settembru 2011**

Dwar 2.01 Il-Viċi Sindku John Bray għandu jakkumpanja uffiċjal tal-Arriva dwar *Bus Stops.*

Dwar 2.04 Is-Sindku l-Perit Graziella Galea spjegat li sar meeting ma' Green MT wara li ntbagħat l-ewwel Default Notice u dawn wegħdu li jirregolarizzaw ruħhom fuq il-punti kollha li hemm indikati fid-Default Notice. Fost affarijiet oħra s-Sur Joe Attard, id-Direttur ta' Green MT,



Sindku / *Mayor*: Perit Graziella Galea BE & A (Hons) M.Sc (Road Eng), A.&C.E.
Segretarju Eżekuttiv / *Executive Secretary*: John J. Camilleri

wiegħed li l-boroż griżi għandna nirċevuhom fi żmien gimgħa, li l-Eco Wardens ser jibdew jiltaqgħu mar-residenti b'mod immedjat, u li ser jgħaddu pagamenti lill-Kunsill kif stipulat fil-kuntratt.

Dwar 2.05 Is-Sindku spjegat li fir-rigward tal-kumpanija GO plc., l-Avukat tal-GO plc. Dr. Keith Grech kien talab polza tal-assigurazzjoni għall-ammont ta' €5,000,000. Meta ntalab *breakdown*, din il-figura niżlet għal madwar €170,000 bħala total li tista' ssir ħsara. Il-pożizzjoni issa hija li qed nistennew li Bonnici Bros. jirrispondu dwar il-polza tal-assigurazzjoni. Xi kunsilliera talbu li dawn il-fatti jiġu ppubblikati għaliex kien il-Kunsill li kien qed jidher ikrah mar-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li setat tinqala' diffikulta ta' *disclosure* skont klawżola tal-istess ftehim li kien qed jiġi negozjat u għalhekk għandu jittieħed parir mingħand l-avukat tal-Kunsill Dr. John Bonello dwar jekk din l-informazzjoni tistax issir pubblika. Saret talba biex id-draft agreement jintbagħat lill-kunsilliera kollha. Il-Kunsillier Ray Tabone insista li jekk il-problema nħolqot minn GO plc., għandhom ikunu GO plc. li jħallsu għall-ispejjeż addizzjonali tal-assigurazzjoni. Sar qbil li jekk l-amministrazzjoni jkollha bżonn xi awtorizzazzjoni dwar dan il-kas, din għandha tintalab permezz ta' e-mail lill-kunsilliera kollha.

Dwar 7.00 Il-Kunsillier Mario Camilleri kellu laqgħa ma' Dr. Buttigieg, *CEO Housing Authority* u dan talab stima tal-proġett. Il-*Housing Authority* alloka s-somma ta' €75,000 fl-2013, bil-possibilita' ta' aktar fondi jekk ikun hemm xi Kunsilli Lokali oħra li ma jużawx il-fondi allokati lilhom fl-2011. Ġie deċiż li tintalab stima tal-proġett mingħand is-Sur Piscopo.

Dwar 10.00 Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, il-Kunsillier Ray Bartolo ta rendikont tal-ispejjeż li saru għal Festa Bdiewa Burmarrad. B'kollox din swiet is-somma ta' €9,200. Hemm approvati €3,000 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali taħt l-iskema tal-Attivitajiet, €2,000 jinħarġu mill-fondi tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad filwaqt li l-Kunsill Lokali għandu joħroġ is-somma ta' €4,200.

Dwar 11.00 Għanda tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-MRRA dwar il-*Fish Fest 2011.*

Dwar 12.00 Għanda tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil MTA għal *Car Free Day.*

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

Dan l-item ġie mħolli għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol**

**4.01 Rendikont ta' Dħul ta' Fondi**
Ġie approvat kif ippreżentat.

**4.02 Rendikont ta' pagamenti**
Ġiet approvata kif ippreżentata.

**4.03 Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol**
Ġiet approvata kif ippreżentata.

**17.00 Increment tal-iskrivan William Vella mid-29 t'Ottubru 2011.**

Il-Kunsill qabel unanimament li l-iskrivan William Vella għandu jingħata din iż-żieda.

**18.00 Aġġornament Dwar Kumitat Amministrattiv Burmarrad**

Il-Kunsillier Ray Bartolo talab u ġie approvat unanimament li t-Tender għall-proġett tal-*gym equipment* tal-*playing field* ta' Burmarrad jingħata kif propost mill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad lil J.G.C. Ltd. Ġiet approvata ukoll il-kwotazzjoni għal xiri u tqegħid ta' bank fiż-żona ta' San Pawl Milqi.

**20.00 Tmiem tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.15p.m.

Sindku: Perit Graziella Galea

Segretarju Eżekuttiv: John J. Camilleri